MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2003

**Aaron HAROUN**

**vs**

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU u l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern u d-Direttur tal-Ħabs, illum il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin ilkoll għan-nom tal-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 t'April, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 1996 il-konvenut Ministru ta' l-Intern informa lill-attur illi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku il-Prim'Ministru qabel illi l-attur ikun imlaħħaq

bħala Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi b'seħħ mis-7 t'Ottubru 1996, liema ittra qed tiġi hawn mehmuża u markata bħala dokument ittra "A";

Illi ma' l-istess ittra ġie mehmuż kuntratt ta' xogħol illi fih ġew elenkati r-responsabbilitajiet u d-doveri li kellu jwettaq l-attur kopja tiegħu hawn mehmuża u markata bħala dokument ittra "B";

Illi dan il-kuntratt kien magħmul fuq bażi definittiva għal perjodu ta' sentejn (ara artikolu numru 2);

Illi t-terminu ta' dan il-kuntratt skada fis-7 t'Ottubru ta' l-1998;

Illi l-artikolu 3 (b) ta' dan il-ftehim jistipula li fit-tmiem ta' dan il-kuntratt, u suġġett għal twettieq sodisfaċenti ta' l-imsemmi kuntratt, l-attur kellu jingħata kuntratt t'impjieg għall-perjodu ta' tlett snin li kellu jiġġedded għall-perjodu ieħor ta' tlett snin;

Illi wara l-egħluq ta' l-ewwel sentejn fl-impjieg, l-attur baqa' fl-impjieg tiegħu u baqa' jaqdi d-doveri tiegħu bħala Assistant Manager fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Illi fit-12 t'Ottubru, 1999, il-konvenut Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, permezz ta' messaġġ illi ħalla ma' Surġent fl-istess Faċilita' Korrettiva ta' Kordin ġie infurmat li kellu joħroġ b'"*forced leave*" mingħajr ma ġiet mogħtija lilu spjegazzjoni għal din id-deċiżjoni u mingħajr ebda indikazzjoni dwar meta kellu jerġa' jirritorna lura għax-xogħol;

Illi meta l-attur talab lill-konvenut Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin għar-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni, huwa ma ingħatax tweġiba;

Illi minn artiklu riportat f'ġurnal lokali nhar it-23 t'Ottubru, 1999, li kkwota dikjarazzjonijiet tal-konvenut Onorevoli Ministru ta' l-Intern, l-attur sar jaf li l-istess Ministru kien stqarr li l-attur kien ġie sospiż mill-impjieg tiegħu u li l-

kuntratt tiegħu kien ġie terminat u dan qabel ma huwa kien ġie mgħarraf bl-istess deċiżjoni mis-superjuri tieghu (kopja ta' l-istess estratt mill-ġurnal qed tiġi hawn annessa u markata bħala dokument ittra "Ċ");

Illi kien permezz t'ittra datata 26 t'Ottubru, 1999, mibgħuta mill-Assistent Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin lill-atturi kopja taghha hawn annessa u markata bħala dokument ittra "D" l-attur ġie mgħarraf illi b'effett immedjat mid-data ta' dik l-ittra l-impjieg tiegħu bħala Assistant Manager fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin kien ġie terminat kif ukoll kien ġie mitlub sabiex jirritorna lura l-uniformi b'effett immedjat;

Illi mitlub sabiex jagħti r-raġunijiet li wasslu għal tali terminazzjoni ta' l-impjieg tiegħu, il-konvenut Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin baqa' inadempjenti;

Illi din it-terminazzjoni saret ukoll bi ksur tat-termini kontrattwali pattwiti bejn il-partijiet u dan ukoll peress illi l-istess attur ma ngħata ebda avviż ta' terminazzjoni ta' tlett xhur kif stipulat fl-artikolu 3(ċ) ta' l-imsemmi ftehim;

Illi jidher ċar li d-deċiżjonijiet meħuda u l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti jew minn min minnhom huma *ultra vires* in kwantu ittieħdu bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, huma abbużivi u saru għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tistħarreġ u tissindaka l-fatti kollha ta' dan il-każ u b'mod partikolari l-validita ta' l-egħmil amministrattiv tal-konvenuti ċioe' l-fatti preliminari li wasslu għad-deċiżjonijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-konvenuti jew minn min minnhom u li permezz tagħhom (a) l-attur ġie mġiegħel jieħu l-"*forced leave*" kif ukoll (b) ġie terminat lilu l-impjieg ta' Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-egħmil tal-konvenuti jew min minnhom ċioe' l-fatti u l-proċeduri kollha li ġew segwiti kif ukoll id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-konvenuti jew minn min minnhom u li permezz tagħhom (a) l-attur ġie mġiegħel jieħu l-"*forced leave*" kif ukoll (b) it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-attur minn Assistant Manager Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi huma *ultra vires* u nulli in kwantu ttieħdu bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali kemm fit-twettieq ta' l-egħmil amministrattiv kif ukoll fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, huma abbużivi billi saru għal għanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konventi jew min minnhom huma responsabbili għal danni naxxenti mill-istess att amministrattiv;

4. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur hawn fuq imsemmi minħabba d-deċiżjonijiet tal-konvenuti u l-konsegwenzi minnhom derivanti;

5. Kif ukoll illi tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż kollha ta' din l-istanza, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju preżentat fid-29 t'Ottubru, 1999, kollox kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, fimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Ġunju, 2000, li fiha l-imħarrkin eċċepew:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti m'għandhiex kompetenza biex tistħarreġ u tiddeċiedi t-talbiet ta' l-attur u dan ai termini ta' Artikolu 469A(6) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Dan l-istess artikolu fid-definizzjoni ta' x'inhu għemil amministrattiv jgħid li dan ma jinkludix xi ħaġa li ssir bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita';

2. Illi subordinatament u minghajr preġudizzju kemm il-Ministru ta' l-Intern, kif ukoll id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin mhumiex leġittimi kontraditturi stante li ħatriet jew terminazzjoni ta' impjieg fis-Servizz Pubbliku huma mansjonijiet tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkommandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju peress li t-terminazzjoni tal-impjieg kontrattwali tal-attur saret bis-sanzjoni u fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, il-kwistjoni jekk il-Kummmissjoni tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni m'għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju billi skond l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ħatriet jew terminazzjoni ta' karigi uffiċċjali fis-Servizz Pubbliku hi fdata f'idejn il-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku** u tali terminazzjoni fil-fatt saret biss wara li ġiet riċevuta din ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u għalhekk saret skond il-liġi;

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti t-talbiet kollha attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi aġixxew fil-parametri tal-liġi u ħarsu l-ġustizzja naturali fil-konfront ta' l-attur u kien biss wara xhur fejn l-attur kien kontinwament avżat li ma kienx qed jaqdi d-doveri ta' l-impjieg tiegħu li ġie terminat l-istess impjieg;

6. Illi għalhekk l-ebda dannu ma ġie kkawżat mill-konvenuti lill-attur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu, 2001[1], li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin dwar jekk l-imħarrkin Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva humiex il-leġittimi kontraditturi tal-azzjoni attriċi, u dwar is-setgħa tal-Qorti li tistħarreġ il-ħidma u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-10 ta' Mejju, 2001, 5 ta' Lulju, 2001, 24 ta' Settembru, 2001, 28 ta' Settembru, 2001, 8 ta' Novembru, 2001, 18 t'April, 2002, 27 ta' Ġunju, 2002, u 27 ta' Settembru, 2002, tat-3 t'April, 2003, tat-22 ta' Mejju, 2003, u tat-12 ta' Ġunju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar dawk it-tliet eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi qabel ma jitqiesu l-eċċezzjonijiet taħt eżami, jidher xieraq li jissemmew xi <u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>. Minn dawn jirriżulta li l-attur, fis-7 t'Ottubru, 1996, kien inħatar b'kuntratt biex jaqdi d-dmirijiet ta' Assistent *Manager* Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi għal żmien sentejn, li sata' jiġġedded għal perjodi oħrajn ta' tliet (3) snin kull wieħed. L-ittra tal-ħatra ntbagħtet lill-attur mill-Ministru konċernat fl-4 t'Ottubru, 1996[2], b'kopja tal-kuntratt tal-impieg mehmuż magħha[3]. Il-ħatra saret mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[1] Paġġ. 27 sa 38 tal-proċess
[2] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġġ. 7 sa 13 tal-proċess

dwar is-Servizz Pubbliku. Il-ħatra kienet regolata bil-Kostituzzjoni, bil-kuntratt u bir-regoli ġenerali tas-servizz pubbliku sakemm dawn jaqblu mal-Kostituzzjoni u l-kuntratt. F'Ottubru tal-1999, l-attur kien intalab ma jmurx iżjed għax-xogħol u fis-26 t'Ottubru, 1999[4], kien ġie mgħarraf li l-impjieġ tiegħu kien qiegħed jiġi mitmum minn dak inhar u li l-kuntratt ma kienx qiegħed jiġġedded. Fil-25 t'April, 2000, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju kif maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta msejjes fuq ix-xilja li d-deċiżjoni meħuda kontra l-attur biex jintemm l-impieg tiegħu kienet għamil amministrattiv li twettaq *ultra vires* għall-finijiet tal-paragrafi (b)(ii) u (b)(iii) tas-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-eċċezzjonijiet taħt eżami</u>, dawn jinġabru taħt żewġt irjus ewlenin: dik formali li tolqot il-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għall-azzjoni attriċi (it-tieni eċċezzjoni) u dik "ġurisdizzjonali" dwar jekk il-Qorti tistax tistħarreġ l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li bis-sanzjoni u fuq ir-rakkomandazzjoni tagħha ntemm l-impieg tal-attur (it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet);

Illi <u>għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni,</u> l-imħarrkin Ministru tal-Intern u d-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva jgħidu li ma messhomx tħarrku huma għaliex l-ingaġġ u t-temm tal-impieg tal-attur huma mansjoni tal-imħarrek l-ieħor il-Prim Ministru. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti dwar din l-eċċezzjoni, l-abbli difensur tal-konvenuti żied jgħid li għalkemm ir-rapporti dwar il-prestazzjonijiet tal-attur kien qiegħed jagħmilhom id-Direttur tal-Faċilita', id-deċiżjoni dwar it-tneħħija tal-attur mill-impieg tiegħu ttieħdet mill-Prim Ministru. Min-naħa tiegħu, l-abbli difensur tal-attur jilqa' għal din l-eċċezzjoni billi jgħid li t-temm tal impieg tal-patroċinat tiegħu huwa l-aħħar pass ta' proċess li ttieħed fir-rigward tiegħu u li fih ħadu sehem attiv l-imħarrkin l-oħrajn. L-istħarriġ ġudizzjarju mitlub minnu jeħtieġ li jsir fuq il-proċess kollu li wassal għat-tneħħija tiegħu mill-kariga li kien iħaddan;

[4] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess

Illi l-Qorti, għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija, taqbel mas-sottomissjoni tal-attur f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tolqot kull "awtorita' pubblika" li, kif inhi mfissra fl-artikolu 469A(2) m'hijiex limitata għall-Gvern ta' Malta, imma jingħaddu wkoll il-Ministeri u d-dipartimenti governattivi. Fit-tieni lok, l-imħarrkin infushom jistqarru (u dan joħroġ ukoll mit-termini tal-kuntratt tal-ingaġġ tal-attur) li kien l-imħarrek Direttur tal-Faċilita' li kien iressaq rapporti lill-awtoritajiet ogħla dwar it-twettiq tal-mansjonijiet tal-attur kemm dam fil-kariga. Hawnhekk ukoll il-Qorti ttenni dak li qalet fl-okkażjoni tal-ewwel sentenza *in parte* li tat f'din il-kawża, u jiġifieri li f'dan l-istadju għadu bikri wisq biex tiddeċiedi minn issa u qabel ma jitressqu provi fil-mertu li kemm il-Ministru tal-Intern u kif ukoll id-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ma għandhomx joqogħdu fil-ġudizzju fil-proċess ta' stħarriġ li hija ntalbet tagħmel dwar il-każ. Bl-istess mod ma jistax jingħad lanqas li l-imħarrek Prim Ministru waħdu għandu joqgħod fil-ġudizzju dwar l-istess stħarriġ li, kif diġa' ngħad, jikkonċerna proċess li wassal għat-tneħħija tal-attur mill-impieg tiegħu, liema proċess ma jidhirx li l-imħarrek Prim Ministru kien waħdu u għal kollox involut fih jew li l-imħarrkin l-oħrajn ma kinux ukoll hekk involuti;

Illi hija l-liġi wkoll[5] li tindika min jirrappreżenta lill-Gvern f'azzjonijiet ġudizzjarji, u dan ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-imħarrek Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ma jistax ma jitqiesx bħala leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi, imqar mit-termini kif inhija mfassla ċ-Ċitazzjoni. Dan jaqbel għal kollox ukoll mal-fatt li bejn l-attur u l-Gvern kien hemm rabta kuntrattwali li l-ksur tagħha qiegħed jintalab li jiġi mistħarreġ[6];

Illi, għal kuntrarju li tgħid din l-eċċezzjoni, il-Qrati tagħna diġa' sabu saħansitra li, f'każi fejn il-kwestjoni tkun tirrigwarda t-tkeċċija ta' uffiċjal pubbliku mill-impieg tiegħu, il-Ministru u l-Kap tad-Dipartiment li taħthom kien jaqa'

---

[5] Art. 181B tal-Kap 12

[6] Ara App. Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti*** (mhix pubblikata)

dak l-uffiċjal u li ma kinux ġew imħarrkin kellhom jiddaħħlu fil-kawża biex iwieġbu għax-xiljiet ta’ għamil abbużiv u illegalita’ magħmula minn dak l-uffiċjal dwar it-tkeċċija tiegħu[7];

Illi b’żieda ma’ dan jingħad li jekk l-eċċezzjoni taħt eżami tintlaqa’ f’dan il-waqt tal-kawża, ikun ifisser li din il-Qorti diġa’ għaddiet ġudizzju fuq l-operat tal-imħarrkin eċċipjenti u saħansitra fuq il-proċess li qegħda tintalab tistħarreġ. B’mod li tali ġudizzju ma jkunx jaqbel mat-termini tal-azzjoni promotriċi mressqa mill-attur, li jagħmilha ċara li huwa ikkontesta xi wħud mid-deċiżjonijiet meħudin fil-konfront tiegħu u ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tneħħija tiegħu mill-kariga direttament kontra l-istess imħarrkin;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin Ministru tal-Intern u Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva hija mistħoqqa u m’hijiex sejra tilqagħha;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet</u> dawn jinbnew waħda mal-oħra u qegħdin jiġu meqjusa flimkien. Kif ingħad, huma eċċezzjonijiet maħsuba li jillimitaw is-setgħa ta’ din il-Qorti li tagħmel l-istħarriġ mitlub minnha mill-attur fuq il-bażi li l-enti li irrakkomandat it-temm tal-ingaġġ tal-attur hija korp li fl-għamil tiegħu ma tistax tindaħal din il-Qorti. L-ewwel miż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami, fil-fatt, tgħid b’mod ċar li din il-Qorti hija miżmuma mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni milli tqis jew tistħarreġ l-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar jekk qdietx kif imiss kull funzjoni mogħtija lilha mill-istess Kostituzzjoni jew dwar ħidmietha. Waqt it-trattazzjoni ta’ din l-eċċezzjoni (u, fil-fatt, dik ta’ warajha), l-abbli difensur tal-imħarrkin ta tifsira oħra għall-eċċezzjoni fis-sens li tenna li l-ġudizzju m’huwiex sħiħ ladarba l-Kummissjoni ma ġietx imħarrka;

Illi l-Qorti ssib li din il-pożizzjoni m’hijiex attendibbli, u f’dan ir-rigward kien għal kollox korrett l-abbli difensur tal-attur meta irribatta billi qal li l-ġudizzju huwa sħiħ u li huwa

[7] Ara, per eżempju, Kost. **21.10.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXIX.i.96**)

sewwasew minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, minkejja r-rakkomandazzjoni li tat, m'għandhiex postha f'dawn il-proċeduri. Dan kollu jingħad apparti l-fatt li qari bir-reqqa tal-eċċezzjoni ma jistax iwassalha biex tinftiehem li hija eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju. Għall-kuntrarju, ladarba l-istħarriġ li l-Qorti qegħda tintalab biex tagħmel fl-azzjoni attriċi huwa wieħed imsejjes fuq għamil amministrattiv allegatament *ultra vires* u mhux għamil amministrattiv illi jikser il-Kostituzzjoni, tkun tassew ħaġa fiergħa li wieħed jaħseb li jdaħħal fil-kawża lill-Kummissjoni msemmija jew li jqis li mingħajrha f'dawn l-atti l-ġudizzju m'huwiex sħiħ;

Illi jekk, min-naħa l-oħra, t-tielet eċċezzjoni hija stqarrija ta' pożizzjoni ġuridika dwar l-insindakabilita' mill-Qrati tal-operat tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku, f'dan il-każ tali eċċezzjoni ukoll ma tidhirx li hija f'postha, għaliex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m'hijiex parti f'din il-kawża. Dik l-eċċezzjoni kif hekk imfassla, fil-fehma tal-Qorti, jibqagħlha biss l-effett ta' dikjarazzjoni ta' prinċipju li ma jidhirx li huwa kontestat mill-attur u mhux ta' kontestazzjoni vera u proprja li twaqqaf il-mixi 'l quddiem tal-kawża;

Illi minħabba f'dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa';

Illi dan iwassal għar-raba' eċċezzjoni li wkoll tintrabat mal-operat tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, biż-żieda li ladarba dik il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzzjonijiet tagħha u dawk ir-rakkomandazzjonijiet ġew segwiti fid-deċiżjoni li ttieħdet biex jintemm l-ingaġġ tal-attur, allura t-temm tal-ħatra sar skond il-liġi. Il-konsegwenza tal-argument imsensel fl-imsemmija eċċezzjoni hi li, allura, l-każ huwa magħluq u l-Qorti m'għandha xejn x'tagħmel iżjed;

Illi għal din l-eċċezzjoni, l-abbli difensur tal-attur wieġeb billi seħaq li ma kinitx ir-rakkomandazzjoni li temmet l-impieg tal-attur, imma d-deċiżjoni meħuda minn min

qagħad fuq ir-rakkomandazzjoni. Dan l-argument ma jxejjinx għal kollox is-saħħa tal-imsemmija eċċezzjoni;

Illi l-Qorti ħasbet fit-tul dwar din l-eċċezzjoni u qegħda tistqarr li s-soluzzjoni tagħha ma sabithiex ħafifa, u dan prinċipalment minħabba l-fatt li filwaqt li huwa minnu li d-deċiżjoni tat-temm tal-inkarigu kienet il-fattur effettiv li wassal biex l-attur ma jiġġeddidlux il-kuntratt, ma jistax jiġi injorat il-fatt li dik id-deċiżjoni ttieħdet fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. U jekk dan kien il-każ, sar skond ma tgħid l-ogħla liġi tal-pajjiż. Huwa f'dan is-sens li l-Qorti qegħda tifhem u tfisser il-frażi "saret skond il-liġi" li tinsab fir-raba' eċċezzjoni;

Illi madankollu, ma jidhirx li l-ħarsien tal-formola ritwali huwa biżżejjed biex iwaqqaf l-eżerċizzju li l-Qorti ntalbet tagħmel f'din il-kawża. Dan jingħad għaliex il-premessi taċ-Ċitazzjoni (u kif ukoll l-ewwel żewġ talbiet) jagħmluha ċara li l-mixja ta' ġrajjiet li wasslet għat-temm tal-ħatra tal-attur kienet bdiet qabel ma l-każ seta' tqiegħed quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għalkemm il-Qorti - għar-raġunijiet imsemmija iżjed 'il fuq f'din is-sentenza - ma tistax tistħarreġ x'għamlet u x'kellha quddiemha l-Kummissjoni biex waslet li tagħti r-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru, huwa loġiku u mistenni li wieħed jaħseb li din imxiet fuq rapporti u/jew tagħrif li tressqu quddiemha mill-imħarrkin jew fuq awtorizżazzjoni tagħhom. Il-Qorti tislet minn din il-konklużjoni rabta sfiqa mal-imsemmija premessi u talbiet tal-azzjoni attriċi. L-attur jixli lill-imħarrkin, jew min minnhom, ta' abbuż f'għamil amministrattiv konsistenti, fost l-oħrajn, fin-nuqqas ta' ħarsien fil-konfront tiegħu ta'wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali (s-smigħ xieraq taħt ir-regola tal-*audi alteram partem*) u kif ukoll nuqqas ta' għoti lilu tar-raġunijiet li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni li jintemmlu l-impieg;

Illi dawn il-kostatazzjonijiet (bla ma l-Qorti qegħda tesprimi ruħha fuq il-fondatezza tagħhom, li hija mħollija għall-istadju tat-trattazzjoni fil-mertu) jwasslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-fatt waħdu tal-legalita' u l-korrettezza proċedurali fil-proċess meħud mill-Kummissjoni li

wassalha biex tagħti r-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru iwaqqaf l-istħarriġ ta’ dak li sar qabel ma beda tali proċess u li fuqu l-istess Kummissjoni setgħet imxiet;

Illi bl-istess kejl jingħad li l-fatt li saret ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, kif fil-fatt jidher li saret, ma jagħtix siġill ta’ approvazzjoni u leġitimazzjoni ta’ kulma seta’ sar qabel. Huwa sewwasew dan il-proċess li seta’ influwixxa l-fehma tal-Kummissjoni (distint mill-konsiderazzjoni u l-għamil tal-Kummissjoni nnifisha) li l-Qorti ntalbet mill-attur li tistħarreġ. Kollox, skond kif inhi mfassla l-azzjoni attriċi, jissejjes fuq dak li sar qabel ma l-Kummissjoni ġiet adita;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li hija għandha s-setgħa tistħarreġ, fil-limiti hawn fuq imfissra, l-ilmenti tal-attur dwar dak li wassal għar-rakkomandazzjoni li jitneħħa mill-kariga, u għalhekk m’hijiex tilqa’ lanqas ir-raba’ eċċezzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin billi tiddikjara li huma ġew imħarrkin sewwa u għandhom *locus standi* biex iwieġbu għat-talbiet attriċi;

**Tiċħad it-tielet u r-raba’ eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi m’humiex imsejsin fil-fatt u fid-dritt, u tiddikjara li l-ġudizzju huwa sħiħ u li hija għandha s-setgħa li tistħarreġ l-ilmenti tal-attur kif imsemmija fiċ-Ċitazzjoni;

**L-ispejjeż** ta’ din id-deċiżjoni jitħallsu mill-imħarrkin; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

---------------------------------TMIEM---------------------------------